MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1980/1999/1

**Carmel u Mary konjuġi SCHEMBRI u Anthony u Sonia konjuġi Schembri**

**vs**

**Anthony POULTON u Ċettina Poulton**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Settembru, 1999, li bih l-atturi ippremettew:

Illi fl-erbatax (14) t'Awissu 1998 il-partijiet iffirmaw konvenju fejn il-konvenuti obbligaw ruħhom li jixtru, jaċċettaw u jakkwistaw mill-atturi, filwaqt li l-atturi obbligaw ruħhom li jbiegħu, jassenjaw u jittrasferixxu lilll-konvenuti porzjon raba magħrufa bħala Ta' Kemmuja, sive Tat-Tingħut, fil-limiti tal-Qortin, Bubaqra, Zurrieq, tal-kejl ta' ċirka erbat itmien u nofs (4½) ossia ħamest elef u tmienja u ħamsin punt ħamsa u erbgħin metri kwadri

(5058.45m2), libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha, taħt il-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet hemm imsemmija u bil-prezz ta’ disgħa u għoxrin elf lira (Lm29,000), (Dok. CS1);

Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati, anke uffiċjalment, qegħdin jirrifjutaw li jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv ai termini tal-liġi;

Illi dan l-aġir tal-konvenuti ikkawża u qiegħed jkompli jikkawża danni lill-atturi;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma obbligati li jixtru, jaċċettaw u jakkwistaw mill-atturi porzjon raba magħrufa bħala Ta’ Kemmunija, sive Tat-Tingħut, fil-limiti tal-Qortin, Bubaqra, Zurrieq, tal-kejl ta’ cirka erbat itmien u nofs (4½) ossia ħamest elef u tmienja u ħamsin punt ħamsa u erbgħin metri kwadri (5058.45m2), libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha, taħt il-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet imsemmija fil-konvenju tal-14 t’Awissu 1998, u bil-prezz ta’ disgħa u għoxrin elf lira (Lm29,000);

2. Tikkundanna lill-konvenuti jidhru fuq il-kuntratt ta’ bejgħ relattiv u tinnomina u tiddelega Nutar biex jippubblika l- kuntratt ta’ bejgħ relattiv fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din il-Qorti u wkoll tinnomina kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaċi;

3. Tiddikjara li bl-aġir tal-konvenuti kif deskritt l-atturi sofrew u qegħdin isofru danni;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minħabba l-imsemmi aġir tal-konvenuti;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-13 t’Awissu 1999, kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Ġunju, 2000, li bih il-kawża tqegħdet *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 t'Ottubru, 2000, li bih u fuq talba tal-atturi b'rikors tagħhom tal-20 t'Ottubru, 2000, il-kawża reġgħet tqegħdet għas-smigħ għat-12 ta' Diċembru, 2000;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta' Ġunju, 2001, li biha l-imħarrkin miżżewġin Poulton eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla u bla effett stante li t-talbiet u l-premessi attriċi huma konfuzi u konfliġġenti għal xulxin u dana peress li l-atturi kellhom qabel l-istess kawża jiddeċiedu jekk humiex ser jipproċedu għall-esekuzzjoni tal-konvenju premess, jew inkella għall-allegati danni minħabba non-esekuzzjoni ta' l-istess konvenju, b'dan li hemm konfuzjoni fl-istess talbiet u alternattivita' ta' talbiet;

2. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-awtoritajiet kompetenti ma ħargux il-permessi tal-bini fuq l- imsemmija proprjeta' u għaldaqstant a tenur ta' kundizzjoni espressa tal-konvenju tal-14 t'Awissu, 1998, il-konvenuti ma humiex obbligati jixtru, jaċċettaw u jakkwistaw l-art in kwistjoni;

3. Illi inoltre l-atturi għandhom jħallsu lura lill-konvenuti d-depożitu mħallas lilhom akkont tal-prezz fuq il-konvenju premess u din il-pretensjoni tifforma l-mertu tal-kontro-talba presenzjalment sollevata;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 2001, kontra l-atturi li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Poulton, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat il-Kontro-Talba mressqa fis-6 ta' Ġunju, 2001, li biha l-imħarrkin rikonvenjenti miżżewġin Poulton ippremettew:

Illi fl-erbatax (14) t'Awissu, 1998 il-partijiet iffirmaw konvenju li permezz tiegħu l-atturi rikonvenuti obbligaw ruħhom li jbiegħu, jassenjaw u jittrasferixxu lill-konvenuti rikonvenjenti li obbligaw ruħhom li jixtru, jaċċettaw u jakkwistaw mingħand l-istess atturi rikonvenuti porzjon raba magħrufa bħala "Ta' Kemmunija" sive "Tat-Tingħut" fil-limiti tal-Qortin, Bubaqra, Zurrieq, tal-kejl ta' ċirka erbat itmiem u nofs (4 1/2 tumoli) ossia ħamest elef u tmienja u ħamsin punt ħamsa u erbgħin metri kwadri (5058.45m2), libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha, taħt il-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet hemm imsemmja u bil-prezz ta' disgħa u għoxrin elf lira maltin (LM29,000);

Illi anke kif jirriżulta anke mill-istess konvenju l-konvenuti rikonvenjenti ħallsu lill-atturi rikonvenuti s-somma ta' elfejn u disa' mitt lira maltin (Lm2,900) u dan bħala depożitu akkont tal-prezz u l-atturi rikonvenuti ħallew riċevuta għal dan l- ammont - vide Dok LC2;

Illi inter alia l-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali kienet soggetta għall-kondizzjoni illi jinħargu l-permessi tal-bini mill-awtoritajiet konċernati kollha fuq l-imsemmija proprjeta';

Illi l-awtoritajiet konċernati u senjatament il-Planning Authority anke fuq parir kuntrarju ta' Dipartimenti oħra tal-Gvern irrifjutat illi tagħti l-permess neċċessarju għall-izvilupp ta' l-imsemmija art;

Illi inoltre l-imsemmija art tinstab f'Rural Conservation Area;

Illi għaldaqstant l-konvenuti rikonvenjenti la kienu u lanqas huma obbligati jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali u l-atturi rikonvenuti huma obbligati li jirrifondu lura

lill-konvenuti rikonvenjenti l-ammont ta' elfejn u disa' mitt lira maltija (Lm2,900) mħallas lilhom minn dawn ta' l-aħħar bħala depożitu akkont tal-prezz kif fuq ingħad;

Illi għalkemm interpellati anki pemezz ta' ittra uffiċjali sabiex jirrifondu l-imsemmi depożitu ta' elfejn u disa' mitt lira maltija (Lm2,900) l-atturi rikonvenuti baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-atturi rikonvenuti għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti rikonvenjenti mhumiex obbligati jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali għall-bejgħ tal-porzjon raba magħrufa bħala "Ta' Kemmunija" sive "Tat-Tingħut", fil-limiti tal-Qortin, Bubaqra, Zurrieq, tal-kejl ta' ċirka erbat itmiem u nofs (4 1/2) ossia ħamest elef u tmienja u ħamsin punt ħamsa u erbgħin metri kwadri (5058.45m2), libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha;

2. Tiddikjara illi l-atturi rikonvenuti qed izommu għandhom indebitament is-somma ta' elfejn u disa' mitt lira maltija (Lm2,900) mogħtija lilhom mill-konvenuti rikonvenjenti bħala depożitu akkont tal-prezz fuq il-konvenju tal-14 t'Awissu, 1998;

3. Tikkundanna għaldaqstant lill-istess atturi rikonvenuti iħallsu lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta' elfejn u disa' mitt lira maltija (Lm2,900) mizmuma minnhom indebitament;

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi u bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 2001 kontra l-atturi rikonvenuti li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin miżżewġin Poulton, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-26 ta' Ġunju, 2001, li biha l-atturi rikonvenuti eċċepew:

1. Illi l-kontrotalba tal-konvenuti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess konvenuti huma obbigati jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment finali ta' l-immobbli *de quo*;

2. Illi stante illi l-ammont pretiz tħallas mill-konvenuti bħala depożitu fuq l-immobbli li huma obbligaw ruħhom li jixtru iżda li issa qegħdin ingustament jirrifjutaw li jakkwistaw, isegwi li l-atturi mhux qegħdin izommu għandhom tali somma indebitament u għalhekk mhumiex obbligati li jħallsuha lura lill-konvenuti;

3. Illi, mingħajr pregudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta li l-permessi tal-bini ma nħargux mill-awtoritajiet kompetenti tali ċirkostanza hija għal kollox attribwibbli lill-*mala fede* tal-konvenuti nfushom li applikaw tardivamet u mhux skond kif pattwit bejn il-partijiet;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi rikonvenuti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex it-talbiet ma joqogħdux ma' xulxin;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2001, li bih u fuq talba tal-atturi, tat lill-istess atturi żmien biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-31 ta' Jannar, 2002[1];

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-imħarrkin, tathom żmien biex iressqu Nota ta' Tweġiba għal dik imressqa mill-atturi;

[1] Paġġ. 43-7 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-imħarrkin fit-2 t'April, 2002[2];

Semgħet it-trattazzjoni b'żieda tal-avukati dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-10 t'April, 2002, tal-20 ta' Ġunju, 2002, u tal-14 ta' Novembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni li biha qegħda tintalab l-eżekuzzjoni ta' wegħda ta' xiri u bejgħ u għall-ħlas ta' danni. L-atturi kienu wegħdu li jbiegħu lill-imħarrkin firxa raba' mdaqqsa lill-imħarrkin, imma dawn naqsu li jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ. Minħabba f'hekk, l-atturi qegħdin jgħidu li ġarrbu ħsara u għalhekk qegħdin jitolbu l-ħlas tad-danni minħabba n-nuqqas tal-imħarrkin li jersqu għall-kuntratt;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-azzjoni attriċi kif imfassla ma tiswiex għaliex it-talbiet u l-premessi huma mħawdin u ma joqogħdux ma' xulxin. Qalu wkoll li kellhom raġuni tajba biex ma jersqux għall-kuntratt għaliex ma nħarġux il-permessi għall-bini tal-art, u talbu li jingħataw lura s-somma li ħallsu lill-atturi bħala depożitu akkont tal-prezz dak inhar tal-konvenju. Għal dan il-għan, l-imħarrkin ressqu talba rikonvenzjonali kontra l-atturi biex dawn jiġu kundannati jroddu lura s-somma tal-flus li tħallsu akkont, wara li jiġi dikjarat li l-imħarrkin rikonvenjenti kellhom raġuni tajba biex ma jersqux għall-kuntratt ta' xiri u bejgħ;

Illi din is-sentenza qegħda tqis biss l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Poulton dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

[2] Paġġ. 51-7 tal-proċess

Illi, fil-qosor il-fatti rilevanti li jorbtu l-każ, juru li kien sar att ta' konvenju fl-14 t'Awissu, 1998[3], bejn l-atturi u l-imħarrkin. Il-ftehim kien japplika għall-bejgħ ta' art agrikola fiż-Żurrieq, libera u franka, bil-patti hemm imsemmija, fosthom dik li l-kuntratt isir jekk kemm-il darba jinħarġu l-permessi għall-bini mill-awtoritajiet konċernati kollha. Kien miftiehem li l-ftehim kellu jibqa' fis-seħħ sa żmien sena minn dak inhar, u li jekk il-permessi ma jinħarġux, id-depożitu jintradd lura lix-xerrejja. Mal-konvenju, l-imħarrkin ħallsu s-somma ta' elfejn u disa' mitt lira Maltija akkont tal-prezz[4]. Kundizzjoni oħra kienet li sa dak inhar li jsir il-kuntratt tal-bejgħ, iridu jkunu nħarġu 'l barra mir-raba' l-bdiewa kollha li kienu jokkupaw l-art u li ma jkunx hemm dritt ta' mogħdija minn fuq ir-raba' favur terzi. Applikazzjoni mill-imħarrek biex jarma razzett għat-trobbija tal-fniek fir-raba' mertu tal-każ, ġiet miċħuda mill-Awtorita' tal-Ippjanar f'Marzu tal-2000[5]. Fit-13 t'Awissu, 1999, l-atturi ħarġu ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin biex jersqu għall-kuntratt. L-imħarrkin naqsu li jagħmlu dan. Fit-13 ta' Settembru, 1999, inbdiet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex, f'nifs wieħed, l-atturi qegħdin jitolbu li l-imħarrkin jiġu ordnati jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, u wkoll li dawn iħallsu d-danni talli naqsu li jersqu meta messhom. L-imħarrkin jgħidu li din it-twaħħida ta' talbiet għal kollox differenti ma tistax issir għax talba waħda teskludi 'l-oħra. Kemm hu hekk, fin-Nota studjata u mirquma tagħhom, huma juru li ż-żewġ talbiet saru b'mod kumulativ u jisħqu li dan imur kontra dak li tipprovdi l-liġi partikolari li tirrigwarda l-każ[6], fejn l-obbligu għall-ħlas tad-danni jitnissel "jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir". Huma jgħidu li jekk tista' ssir talba għall-kundanna għall-ħlas tad-danni, din tista' ssir biss bħala **rimedju alternativ għat-talba għall-eżekuzzjoni tal-wegħda** ta' bejgħ u xiri. Minbarra dan, huma jgħidu li r-rimedji maħsuba fl-artikolu 1357 huma fl-għamla ta' *lex specialis* li tmur lil hinn mir-rimedji ordinarji li l-liġi taħseb

[3] Dok "CS1", f'paġġ. 5-6 tal-proċess
[4] Dok "LC2", f'paġ. 33 tal-proċess
[5] Dok "LC1", f'paġġ. 29 sa 32 tal-proċess
[6] Art 1357(1) tal-Kap 16

għalihom fil-każ tan-nuqqas ta’ twettiq tal-obbligazzjonijiet li wieħed ikun intrabat li jwettaq. Temmew billi qalu li lanqas m’huwa l-każ li l-azzjoni tiġi salvata b’xi tibdila kif maħsub fl-artikolu 175 tal-Kap 12, għaliex l-azzjoni tal-atturi minnha nnifisha ma tiswiex b’riżultat tat-taħlita irrikonċiljabbli taż-żewġ talbiet;

Illi, min-naħa l-oħra, l-atturi juru b’argumenti daqstant imħeġġa, li l-azzjoni tagħhom saret kif imiss u li t-talbiet kollha tagħhom jistgħu joqogħdu flimkien. Huma jfissru li l-kuntratt għadu jista’ jsir u li t-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni huma mibnija fuq il-ħsara li huma ġarrbu bid-dewmien min-naħa tal-imħarrkin milli jersqu għall-kuntratt. Għalhekk, huma jtennu li tagħhom hija azzjoni waħda li titlob lill-Qorti teżamina żewġ fatti. Huma jsemmu li, f’każijiet bħal dan tagħhom, il-Qrati tagħna laqgħu talbiet bħalhom. Fuq kollox, jagħlqu billi jgħidu li l-eċċezzjoni taħt eżami ma tistax tintlaqa’ jekk kemm-il darba l-att jista’ jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;

Illi biex tasal li tqis dawn l-argumenti, il-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita’ ritwali ta’ att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta’ eċċezzjoni ta’ nullita’ tal-att (bħalma għandha quddiemha f’dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita’ li tkun imputabbli għal difett ta’ forma aktar minn wieħed ta’ sustanza (fis-sens ta’ żball jew nuqqas sostantiv)[7] liema difett ma jkunx jista’ jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta’ ġustizzja proċedurali[8];

Illi ma’ dan il-Qorti iżżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita’ ta’ att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita’ assoluta u dik relattiva. F’tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f’tat-tieni[9]. Minbarra dan, biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u

---

[7] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[8] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[9] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita’ ta’ att ġudizzjarju

jitwaqqaf il-kors tagħha, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrja ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[10];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[11];

Illi huwa sewwasew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[12];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[13]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[14];

---

[10] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)

[11] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

[12] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

[13] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);

[14] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[15];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[16] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[17];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[18], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [19]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[20], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[21], għalkemm jista' jitfa'

---

[15] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[16] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[17] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[18] Ara nota 14
[19] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[20] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[21] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet *Żahra **vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[22]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[23];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħdin jippremettu l-atturi ma jħalli l-ebda dubju x'inhuma jippretendu li sar u xi jridu li jinkseb bl-azzjoni tagħhom. Fuq dan, l-imħarrkin infushom, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, juru wkoll li fehemu x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qegħdin iressqu għal dawk il-pretensjonijiet tal-atturi u dan b'difiża fil-mertu, u saħansitra b'kontro-talba wkoll;

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrkin isemmu n-nullita' tal-att fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa. Skond l-argument tal-imħarrkin, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi hawnhekk ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullita' tal-att taċ-Ċitazzjoni fuq il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[24]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis att ta' Ċitazzjoni bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[25]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu

[22] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[23] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)
[24] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**) li għaliha u fuqha l-imħarrkin qegħdin isejsu s-siwi tal-eċċezzjoni tagħhom f'din il-kawża
[25] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li ċ-Ċitazzjoni jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi waqt it-trattazzjoni tagħhom dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, il-partijiet semmew deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati li jitkellmu dwar jekk tistax fl-istess waqt titresssaq talba għall-eżekuzzjoni ta' wegħda ta' bejgħ u xiri u talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba li l-wegħda ma tkunx inżammet. Ma jistax jingħad li l-linja ta' deċiżjonijiet kienet waħda għal kollox uniformi: kien hemm deċiżjonijiet li wrew li ż-żewġ toroq miftuħa għall-attur (jiġifieri dik tal-eżekuzzjoni forzata u l-oħra tat-talba għall-ħas tad-danni) huma miftuma l-waħda mill-oħra[26], filwaqt li kien hemm oħrajn li tennew li ż-żewġ rimedji jistgħu jintalbu flimkien (jiġifieri fl-istess att), bla ma jirrendu l-att null[27]. Kien hemm oħrajn fejn iż-żewġ talbiet imressqa flimkien f'att wieħed tqiesu bħala difett mhux ta' kjarezza tal-att imma difett fis-sustanza, minħabba li t-talbiet huma inkonċiljabbli[28];

Illi f'dan il-każ joħroġ ċar, għalhekk, li l-ilment tal-imħarrkin ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali, imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrkin il-ħin kollu jirreferu għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita' li ż-żewġ talbiet prospettati mill-atturi jżommu flimkien, għaliex dawn, skond huma, jeliminaw il-waħda lill-oħra. Dan huwa kontestat mill-atturi li jgħidu li ż-żewġ rimedji jistgħu jintalbu flimkien. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jorbtu l-eċċezzjoni tagħhom ma' dak li jipprovdi l-artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut

[26] Ara, per eżempju, P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[27] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.690**)
[28] Ara Nota 24 hawn fuq

minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[29];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .* "[30];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan jgħodd sewwa għall-kawża li għandha quddiemha llum. Huwa minnu li l-bixra li tista' tieħu l-kawża kif imfassla l-azzjoni attriċi sejra toħloq diffikulta' mhux traskurabbli dwar liema provi sejrin jinġabru - jekk hux dawk li jirradikaw it-talba għall-eżekuzzjoni tal-wegħda, jew jekk hux dawk li jittrattaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni pretiżi. Minbarra dan, kif sewwa jissuġġerixxu l-imħarrkin, mhux lakemm wieħed jgħid li tista' ssir "tiswija" tal-Att taċ-Ċitazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kap 12, għaliex din, x'aktarx tkun tolqot bidla tal-azzjoni fil-mertu, li l-liġi ma tridx li ssir. Min-naħa l-oħra, iżda, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li l-atturi, mingħajr ma jressqu talba għat-tiswija tal-att, jistgħu jirregolaw irwieħhom biex l-azzjoni tista' tissokta fuq binarju preċiż. Dan ma kienx ikun jista' jsir kieku l-azzjoni kienet radikalment ma tiswiex. Għall-

[29] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[30] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

kuntrarju, dan ifisser li l-azzjoni, kif imfassla ma hijiex nulla minn għeruqha. Fuq kollox, din il-Qorti temmen bis-sħiħ li, fi kwestjonijiet ta' siwi ta' atti ġudizzjarji, għandha tapplika l-massima *ut melius valeat quam pereat*;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin, u tqis li l-azzjoni attriċi, kif imfassla, m'hijiex nulla, u għalhekk il-kawża tista' tissokta, salv li l-atturi jirregolaw irwieħhom a tenur ta' dak li jingħad f'din is-sentenza;

Tipprovdi li, **l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------